MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 911/2007

Drive-Tec (Malta) Limited.

Vs

Martin Degabriele.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet illi l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' elf u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm1,044.39) ekwivalenti ghal Euro 2,432.77, ghax-xoghol ta' tiswija u 'spare parts' fuq vettura HMY 191, proprjeta ta' l-istess konvenut u dana skond kont 762 li jgib id-data tal-5 ta' Awissu 2007. U peress illi l-konvenut gie mitlub ihallas diversi drabi, ukoll b'ittra, izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi (i) in linea preliminari l-avviz promotur huwa difettuz stante li ma nghatawx id-dettalji tal-partijiet kif titlob il-ligi; (ii) illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz gja gie saldat fl-intier; (iii) illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt; (iv) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-6 ta' Frar 2008, fejn giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Martin Degabriele.

Ra l-affidavit ta' Mark Caruana prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Marcel Chetcuti prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Martin Chetcuti prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Fiona Schembri prodotta mis-socjeta' attrici.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm1,044.39, bhala prezz ta' *spare parts* u tiswijiet li saru fuq il-vettura tal-konvenut u li skond hi kienu ghadhom ma thallsux. Minn-naha tieghu, pero, l-konvenut ecepixxa li huwa hallas l-ammont pretiz minnu u li ghalhekk ma kellu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

Illi l-partijiet ipprezentaw il-provi taghhom permezz ta' xhieda '*viva voce'*, li taw zewg versjonijiet ghal kollox konfliggenti, u ghalhekk dan huwa kaz pur ta' kredibbilta' o meno tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet.

Illi l-konvenut minn-naha tieghu fil-qosor xehed li huwa kien gieli ha l-vettura tieghu ghand is-socjeta' attrici sabiex isirulha xi tiswijiet, u milli jidher qatt ma kienu nqalghu problemi qabel l-okkazzjoni mertu tal-kawza odjerna. F'din l-okkazzjoni partikolari kien gie mgharraf li l-van teighu kien lest, u ghalhekk mar jigborha flimkien mad-driver tieghu li jismu Mark Caruana, u kien ha l-flus kontanti mieghu sabiex ikun jista' jhallas. Skond il-konvenut dakinhar meta mar jigbor il-van tieghu, kienu prezenti biss hu, d-driver tieghu Mark Caruana, u Marcel Chetcuti li kien jahdem mas-socjeta' attrici. Marcel Chetcuti kien kitiblu l-ammont li kien dovut fuq bicca karta, u l-konvenut kien hallas dan l-ammont. Il-konvenut xehed illi l-kont kien inghatalu hekk, peress illi s-socjeta' attrici riedet tevita li titlob il-hlas tal-VAT.

Ix-xhud Mark Caruana prodott mill-konvenut, ikkonferma dak li xehed il-konvenut fis-sens li kien akkompanja lill-konvenut sabiex jigbru l-van in kwistjoni, u wara li startjaw il-magna u raw li kollox kien sew, il-konvenut kien talab il-kont lil Marcel Chetcuti li qallu kemm kellu jaghti. Il-konvenut kien hallas permezz ta' flus kontanti quddiemu stess. Skond hu, ma kenitx inghatat ircevuta peress illi ma kienx ser isir hlas ta' VAT. Wara li sar il-hlas, hu u l-konvenut kienu telqu bil-van.

Minn-naha taghhom, ix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici, ftit li xejn tefghu dawl fuq dak li gara ezattament, u t-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi x-xhieda moghtija minnhom kollha, hija vaga u nieqsa minn dettalji dwar il-kaz odjern, meta suppost huwa proprju kompitu ta' min qieghed jallega li jipprova l-kaz tieghu. Huma lkoll xehedu fuq dak li jigri *'s-soltu'* meta wiehed jigi biex ihallas, u kif tahdem is-sistema ta' '*billing*' tas-socjeta' attrici, pero dan kollu ma jfissirx li fil-kaz in ezami bilfors gara l-istess haga. Il-fatt illi wiehed idahhal l-informazzjoni kollha dwar it-

tiswija u lis-*spare parts* fil-kompjuter, u li l-kont jinhareg mill-kompjuter, ma jfisser xejn ghaliex jibqa possibbli li l-kont jinqara mill-istess kompjuter u li ma jinhargu l-ebda karti jew ircevuti. Oltre dan, ta' min jinnota li ma gietipprezentata l-ebda prova dokumentarja da parti tas-socjeta' attrici in sostenn ta' dak li qed tallega. Sahansitra lanqas gie pprezentat il-kont imsemmi fl-istess Avviz. Ghalhekk it-Tribunal lanqas biss jista' jistrieh fuq dak li xehedu x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' x'sistema tintuza mis-socjeta' attrici.

Illi huwa minnu li Marcel Chetcuti stqar fix-xhieda tieghu li ma kienx thallas personalment minghand il-konvenut. Madankollu alavolja jghid hekk, xorta wahda jibqa l-fatt krucjali illi l-vettura ittiehdet mis-socjeta' attrici minghajr problemi ta' xejn, u l-istess Marcel Chetcuti – li huwa sahansitra direttur tas-socjeta' attrici, u mhux sempliciment xi impjegat taghha – ma ta l-ebda spjegazzjoni kif il-vettura ittiehdet mill-konvenut meta ma kienx ghadu sar il-hlas. Alavolja Marcel Chetcuti xehed illi kien hemm okkazzjonijiet meta l-vettura nghatat lill-klijent meta ma kienx ghadu sar il-hlas, l-istess xhud lanqas biss indenja ruhu jispjega fix-xhieda tieghu, jekk sarx hekk f'dan il-kaz partikolari, u jekk verament gara hekk, x'kienu c-cirkostanzi precizi u x'kien il-ftehim. It-Tribunal kien jinteressah jisma' x'gara fil-kaz in ezami u mhux x'gara f'okkazzjonijiet ohra, u ghalhekk jidhirlu li l-versjoni tal-konvenut hija l-izjed wahda verosimili u dik li ghandha titwemmen.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, u konsegwentement jichad it-talba attrici fl-intier taghha. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------